

32004R0984

L 180/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.5.2004

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 984/2004****tal-14 ta' Mejju 2004**

**li jemenda għall-34 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan<sup>1</sup>, u b' mod partikolari fl-ewwel inċiż tiegħu tal-Artikolu 7(1),

Billi:

- (1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi finanzjarji skont dak ir-Regolament.
- (2) Fil-11 ta' Mejju 2004, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u resorzi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.
- (3) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

<sup>1</sup> ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2004 (ĠU L 173, 7.5.2004, p. 6).

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa b'dan emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell fl-14 ta' Mejju 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Christopher PATTEN

*Membru tal-Kummissjoni*

**ANNEX**

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jiżdiedu taħt l-intestatura "Persuni legali, gruppi u entitajiet":

1. Al Furqan (*magħruf ukoll bħala* (a) Dzemilijati Furkan, (b) Dzem'ijjetul Furqan, (ċ) L-Assoċjazzjoni taċ-Ċittadini għall-Appoġġ tal-Verità u għas-Soppressjoni tal-Gideb, (d) Dzemijetul Furkan, (e) L-Assoċjazzjoni taċ-Ċittadini għall-Appoġġ tal-Verità u għas-Soppressjoni tal-Gideb, (f) Sirat, (g) L-Assoċjazzjoni għall-Edukazzjoni, il-Kultura u l-Kostruzzjoni tas-Soċjetà — Sirat, (h) L-Assoċjazzjoni għall-Edukazzjoni, il-Kultura u l-Kostruzzjoni tas-Soċjetà — Sirat, (i) L-Assoċjazzjoni għall-Edukazzjoni, il-Kultura u l-Kostruzzjoni tas-Soċjetà — Sirat, (j) Istikamet, (k) In Siratel). Indirizzi: (a) Put Mladih Muslimana 30a, 71000 Sarajevo, il-Bożnja-Ħerżegovina; (b) ul. Strossmajerova 72, Zenica, il-Bożnja-Ħerżegovina; (ċ) Muhameda Hadzijahica 42, Sarajevo, il-Bożnja-Ħerżegovina.

2. Taibah International — l-Uffiċċji fil-Bożnja (*magħruf ukoll bħala* (a) Taibah International Aid Agency, (b) Taibah International Aid Association, (ċ) Al Taibah, Intl, (d) Taibah International Aide Association). Indirizzi: (a) Avde Smajlovic 6, Sarajevo, il-Bożnja-Ħerżegovina; (b) 26, Triq Tabhanska, Visoko, il-Bożnja-Ħerżegovina; (ċ) 3, Velika Cilna Ulica, Visoko, il-Bożnja-Ħerżegovina; (d) 26, Tahbanksa Ulica, Sarajevo, il-Bożnja-Ħerżegovina.